MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 37/2011

**G.V. Gozo Developments Company Limited bin-numru tar-registrazzjoni C 14221**

**Vs**

**Reginald Vella**

Il-Qorti,

Illi permezz tar-rikors guramentat is-socjeta' attrici ppremettiet:-

1. Illi s-socjeta' attrici giet inkarigata mill-konvenut flimkien ma' terzi persuni sabiex taghmel xoghlijiet ta' eskavazzjoni, bini u kostruzzjoni fil-porzjon raba' maghrufa "Ta' Skarsu", Triq l-Arcipriet Grech, fix-Xewkija, Ghawdex, skond il-permess, kopja tieghu hawn annessa u markata GVI, u l-pjanti kopja taghhom hawn annessa u markati GV2A sa GV2D, u dan fi kwota ta' nofs indiviz kull

wiehed u cioe’ nofs indiviz ghall-konvenut u nofs indiviz ghat-terzi, stante li huma koproprjetarji ta’ l-istess art fi kwota ta’ nofs indiviz kull wiehed;

2. Illi l-konvenut inkariga lill-Perit tieghu stess, il-Perit Emanuel Vella sabiex ikejjel l-imsemmija xoghlijiet, liema xoghlijiet gew imkejla mill-istess Perit li hareg il-kont u ghaddieh lill-konvenut;

3. Illi l-kont mahrug mill-istess Perit, kopja tieghu hawn annessa u markata dokument GV3, gie prezentat u mahluf mill-konvenut stess fil-Qorti fl-14 ta’ Frar 2011, fi proceduri ma’ l-istess terzi ghad-divizjoni ta’ l-imsemmija porzjon art, izda dan il-kont qatt ma gie moghti lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-imsemmi kont ma jkoprix ix-xoghlijiet kollha li saru mis-socjeta’ attrici fl-imsemmi zvilupp izda jkopri biss xoghlijiet ta’ bini li gew imkejla mill-Perit Emanuel Vella fuq struzzjonijiet tal-konvenut innifsu;

5. Illi hemm xoghlijiet ohra x’jitkejlu u hlasijiet ohra li l-konvenut ghandu jhallas sehmu minnhom ukoll;

6. Illi s-socjeta’ attrici trid li tithallas sehem il-konvenut ta’ xogholha mill-kont redatt mill-Perit Emanuel Vella, liema sehem jammonta ghal tmintax il-elf, sitt mija u tmienja u sebghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (Ewro18,678.37);

7. Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut zgur li ma ghandu l-ebda eccezzjoni xi jgib f’dan ir-rigward stante illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proceduri Civili u s-socjeta’ attrici qed tannetti ma’ dan ir-rikors affidavit ghall-iskop ta’ l-istess artikoli msemmija;

8. Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat permezz ta’ ittra ufficcjali tal-24 ta’ Marzu 2011, kopja taghha hawn annessa u markata GV4, sabiex ihallas sehemu dovut mill-istess kont huwa baqa’ inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmintax-il elf, sitt mija u tmienja u sebghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (Ewro18,678.37), rapprezentanti sehmu mill-kont prezentat minnu stess, ghax-xoghlijiet imkejla fl-istess kont.

Bl-ispejjez u l-imghax legali u kummercjali sad-data ta’ l-effettiv pagament, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Marzu 2011, kif ukoll tal-prezenti procedura.

U bl-ingunzjoni tal-konvenut illi ghaliha minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tal-21 ta’ Gunju 2011 il-Qorti tat l-opportunita’ lill-konvenut sabiex jipprezenta risposta guramentata peress li qieset li kellu eccezzjonijiet validi x’iressaq skont il-ligi.

Rat li l-konvenut fir-risposta guramentata tieghu eccepixxa hekk:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici, liema talbiet huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-ewwel lok in linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. Illi fit-tieni lok, ghall-azzjoni attrici tosta wkoll l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ integrita’ ta’ gudizzju in kwantu tali azzjoni – minkejja li bazata inter alia fuq l-ewwel premessa li tistipola li kull inkarigu lis-socjeta’ attrici sar mill-esponenti “...flimkien ma’ terzi persuni” – wara tghaddi biex tallega li l-inkarigu de quo sar “...fi kwota ta’ nofs indiviz kull wiehed” – asserzjoni ghal kollox inveritiera fermament kontestata;

3. Illi fit-tielet lok, ghandu jirrizulta illi l-esponenti diga' hallas kull sehem li kellu talvolta jigi minnu kontribwit ghall-inkarigu msemmi lit-"terza persuna" msemmija fir-Rikors promotur de quo – liema terza persuna ma hija hadd hlief John sive Giovann Vella, azzjonista u direttur tas-socjeta' attrici nnifisha. Ghalhekk hemm lok ukoll ghall-eccezzjoni ta' pagament, f'dan il-kuntest;

4. Illi fir-raba' lok, jirrizulta illi kif ammess mill-istess John sive Giovann Vella fi proceduri gudizzjarji separati (Carmel Grima et vs Giovann Vella et) ammetta illi materjal akkwistat mis-socjeta' attrici minghand Carmel Grima et u l-istess socjeta' attrici utilizzat proprju ghall-inkarigu li llum qed titlob il-hlas tieghu f'din il-kawza, kien difettuz u mhux tal-kwalita' pattwita u ta' difett fil-materjal supplit;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2011 il-Qorti ordnat li ghandhom jigu trattati l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari.

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' Novembru 2011, tad-19 ta' Jannar 2012 u tal-31 ta' Jannar 2012. F'din l-ahhar seduta d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-ewwel zewg eccezzjonijiet u l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet ghat-13 ta' April 2012.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' April 2012 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet ghall-24 ta' April 2012.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat :

**<u>L-ewwel Eccezzjoni</u>**

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut eccepixxa hekk:

*'Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici, liema talbiet huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-ewwel lok in linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta')*

Illi l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili testwalment jaqra hekk:

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:*

*(a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew*
*tal-materjal li jfornu;*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeġ ohra mobbli, mibjugha bl-imnut;*

*(c) l-azzjonijiet ta' dawk li ghandhom djar ta' edukazzjoni jew ta' taghlim, ta' liema xorta jkunu, ghall-hlas tad-dritt taghhom;*

*(d) l-azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena, ghall-hlas tas-salarju taghhom;*

*(e) l-azzjonijiet tas-sensala, ghad-dritt tas-senserija;*

*(f) l-azzjonijiet ta' kull persuna, ghall-kera ta' hwejjeg mobbli.*

Illi kif irrizulta l-artikolu 2148 tal-Kap 16 ghandu diversi sub-artikoli. Illi l-konvenut ma ndikax is-sub-artikolu li abbazi tieghu l-preskrizzjoni kienet qeghda tigi nvokata.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "**Maltacom plc vs Paul Piscopo"**[1] **'***l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili ghal liema jirreferi l-appellanti jipprospetta, f'hames incizi ben distinti, il-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda*

[1] App 81/1998PS deciz fil-5 ta' Lulju 2006

*minn ohra. Hi ligi li l-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti nteressata (Artikolu 2111). Li jfisser li l-Qorti ma ghandhiex toqghod tfittex biex tara jekk ghall-kaz hix applikabbli xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b' mod car u esplicitu minn min jinvokaha. Ara* ***Kollez. Vol. XXXIII P I p 481*** *u "****Francis Bugeja nomine- vs- Indria Mercieca****" Appell, 29 ta' Mejju 2000'.*

Inoltre' fis-sentenza **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia**[2] intqal illi skont l-Artikolu 2111 Kodici Civili "il-qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata". Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka *d' ufficio* il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant jassumi *d'ufficio* tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta. Dik l-Onorabbli Qorti kompliet li:

*'Kif deciz, "peress li din hi preskrizzjoni nvokata mill-appellant il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f' materja ta' preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fundamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik ghandha tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk hemmx xi preskizzjoni li tista' tkun opponibbli peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza" –* ***Kollez. Vol. XXXIII P I p 481****;*

*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f' dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b' mod*

[2] App Nru: 1516/2002PS deciz fit-22 ta' Gunju 2005

*sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f'ben hames incizi distinti jiprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra" – "***Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et***", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977;*

*Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti.'*

Illi dawn l-insenjamenti ghandhom japplikaw ukoll ghall-kaz in dizamina u ghaldaqstant peress li l-konvenut naqas li jindika b'mod preciz is-sub-inciz li kien qieghed jinvoka din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

Illi l-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu eccepixxa hekk:

*'Illi fit-tieni lok, ghall-azzjoni attrici tosta wkoll l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju in kwantu tali azzjoni – minkejja li bazata inter alia fuq l-ewwel premessa li tistipola li kull inkarigu lis-socjeta' attrici sar mill-esponenti "...flimkien ma' terzi persuni" – wara tghaddi biex tallega li l-inkarigu de quo sar "...fi kwota ta' nofs indiviz kull wiehed" – asserzjoni ghal kollox inveritiera fermament kontestata'*

Illi sabiex tigi nvestita din l-eccezzjoni jehtieg qabel xejn li li jigu stabiliti l-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna:

- Permezz ta' kuntratt tal-24 ta' Settembru 2008 in atti Nutar Josianne Mifsud, il-konjugi John u Helen Vella u Reginald Vella xtraw minghand Frank Vella inkwantu ghall-konjugi Vella nofs indiviz u Reginald Vella inkwantu ghan-nofs indiviz l-iehor porzjon raba' maghrufa 'Ta' Skarsu', fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex ta' kejl circa 384 m.k.

- Illi mhux kontestat li l-konjugi Vella u l-konvenut Reginald Vella inkarigaw lis-socjeta' attrici sabiex taghmel

xoghlijiet ta' eskavazzjoni, bini u kostruzzjoni fil-porzjon raba' maghrufa 'Ta' Skarsu' fix-Xewkija, Ghawdex.

- Il-konjugi Vella mhumiex parti fil-proceduri odjerni.

- Is-socjeta' rikorrenti qeghda permezz ta' din il-kawza titlob lil din il-qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma ta' €18,678.37 rapprezentanti sehmu mill-kont prezentat mill-Perit.

Illi dwar in-nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Central Mediterranean Development Corporation Limited vs Maria Teresa Borg**[3] li rreferiet ghall-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat et vs Peter Muscat Scerri**[4] fejn intqal li din l-eccezzjoni hija mibnija fuq tliet kunsiderazzjonijiet cioe`:

*(1) li ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, huwa xieraq li dawk kollha li ghandhom interess fi kwistjoni ghandhom ikunu fil-kawza;*

*(2) li d-dhul ta' kull min ghandu nteress jaghmel il-gudizzju izjed effikaci, ghaliex min mhux fil-gudizzju mhux marbut bih;*
*(3) inaqqas il-htiega li jridu jinghataw ghadd ta' sentenzi fuq l-istess kaz.*

*Wiehed ghandu ghalhekk jezamina l-att promotorju fiz-zmien meta gie prezentat u dan indipendentement minn kull kunsiderazzjoni ohra (ara Appell Civili, **Zara de Domenico et vs Zahra De Domenico**, 15 ta' Jannar 1992). Eccezzjoni ta' din in-natura jekk tirnexxi ghandha l-effett li tehles lill-eccipjent milli jibqa' jidher fil-kawza.*

*Hawnhekk mhux il-kaz li wiehed jidhol fl-ezami ta' l-aspett li l-Qorti ghandha dejjem tikkunsidra validu procediment jekk kawza tkun infethet kontra l-legittimu kontradittur ghalkemm mhux l-unika parti u l-gudizzju jkun sostenibbli jekk dik l-integrita` tista' tintlahaq billi wiehed jirrikorri*

[3] Cit Nru: 341/2007LFS deciza fl-10 ta' Ottubru 2010
[4] Cit Nru: 19/06LFS deciza fl-14 ta' Jannar 2009

*ghall-modi procedurali previsti taht l-artikolu 175(1) jew 960 tal-Kap 12. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandhiex tehles lill-parti konvenuta milli tibqa' fil-kawza ghax dik il-persuna tkun fil-fatt giet imharka kif suppost ghalkemm ikun jonqos it-tahrika wkoll ta' parti ohra (ara* ***Mifsud vs Mifsud****, Vol XLVIII-II-1161, Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 1964)."*

Illi l-argument ta' l-abbli difensur tal-konvenut huwa li ladarba l-inkarigu lis-socjeta' attrici nghata kemm minnu kif ukoll minn John u Helen konjugi Vella dawn ta' l-ahhar kellhom ukoll jigu ccitati in gudizzju. Il-konvenut jichad li l-inkarigu moghti lis-socjeta' attrici kien fi kwota ta' nofs indiviz kull wiehed.

Illi l-argument ta' l-abbli difensur tas-socjeta' attrici kien li ladarba John u Helen konjugi Vella hallsu sehemhom mill-kont ossija nofsu lis-socjeta' attrici allura kien ikun inutli li jigu mharrka wkoll. Oltre' dan sostniet li l-kreditur ghandu l-fakulta' li jdur fuq liema debitur irid sahansitra ghall-ammont intier li jkun dovut.

Illi fil-fehma tal-qorti l-fattispecie ta' dan il-kaz huwa xi ftit jew wisq partikolari. Dan peress li John Vella li huwa d-direttur tas-socjeta' attrici, fil-fatt fil-kwalita' tieghu personali flimkien ma' martu u ma' Reginald Vella inkariga lis-socjeta' attrici biex taghmel ix-xoghlijiet fuq imsemmija. Ma jirrizultax mill-atti li saret xi skrittura bejn il-partijiet.

Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2012 gie vverbalizzat li s-socjeta' attrici diga' rceviet is-sehem dovut ghall-imsemmi appalt u cioe' nofs il-kont minghand il-konjugi John u Helen Vella u kien proprju ghalhekk illi l-kawza odjerna giet istitwita biss kontra l-parti l-ohra fuq l-istess appalt.

Illi fil-fehma ta' din il-qorti l-eccezzjoni mressqa mill-konvenut ghandha tigi michuda. Ma kien hemm xejn x'jippreskludi lis-socjeta' attrici milli tfittex biss lill-konvenut ghal dak li hija ssostni li huwa sehemu mill-kont u dan fid-dawl ta' dak li gie dikjarat mill-istess socjeta' attrici li l-konjugi Vella fil-fatt diga' hallsu sehemhom mill-kont.

S'intendi hija kwistjoni li trid tigi rizolta fil-mertu, wara li jkunu tressqu l-provi, jekk l-affermazzjoni min-naha tas-socjeta' attrici li l-konvenut ghandu jhallas nofs il-kont ghandhiex mill-veru. Ghalhekk dan il-punt qieghed jithalla mpregudikat.

Ghaldaqstant anki din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut; kif ukoll tichad it-tieni eccezzjoni mressqa mill-konvenut u ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez ta' dawn il-proceduri jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------